## QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
### MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)

Rikors Nru: 196/2020 LC

**360 RETAIL SUPPLIES LTD**
(C-64990)

*vs*

**KOSECP (DISTRIBUTION & BUSINESS SERVICES) LTD**
(C-31477)

**Illum, 28 ta' Jannar 2022**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippreżentat mis-soċjetà **360 Retail Supplies Ltd** (C-64990) datat it-13 ta' Ottubru 2020, fejn talbet lil dina l-Qorti tikkundanna lis-soċjetà intimata **Kosecp (Distribution & Business Services) Ltd** (C-31477) tħallasha l-ammont ta' għaxart' elef, disa' mija u disgħa u disgħin Ewro u tletin ċenteżmu (€10,999.30) u dan bilanċ minn ammont ikbar, liema ammont jikkostitwixxi debitu ċert, likwidu u dovut fejn is-soċjetà konvenuta ddikjarat ruħha debitriċi tas-soċjetà rikorrenti u dan skond kuntratt anness mal-annessa ittra ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru 522/2020, eżebita bħala dok "A".

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-istess ittra ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru 522/2020 u dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 345/2020, bl-imgħax kond il-liġi u l-intimat inġunt in subbizzjoni;

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif ppresjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021;

Rat illi s-soċjetà intimata ġiet notifikata bir-rikors promotur u l-avviż tas-smiegħ tal-kawża fis-07 ta' Ottubru 2021 permezz tal-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni ai termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi minkejja li s-soċjetà intimata ġiet debitament notifikata, hija naqset milli tippreżenta r-risposta tagħha u naqset milli tidher għas-smiegħ tal-kawża sabiex tikkontesta l-pretensjonijiet miġjuba kontriha;

Semgħet ix-xhieda ta' Jonathan Sciberras, rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti, mogħtija fid-19 ta' Novembru 2021;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet datata l-24 ta' Jannar 2022;

Rat illi l-kawza ġiet imħollja għal-lum għas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi mix-xhieda mogħtija mir-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti Jonathan Sciberras jirriżulta li s-soċjetà intimata kienet talbet lis-soċjetà rikorrenti twettqilha xogħol ta' tiswijiet fuq diversi inġenji li kellha ġewwa tal-Ħandaq. Waqt l-andament tax-xogħolijiet, id-direttur tas-soċjetà intimata waqqaf il-kuntatt li kellu mas-soċjetà rikorrenti.

Sa dak iż-żmien, il-kont dovut għax-xogħolijiet mwettqa kien tela' għal €20,983.71 u dan kif jirriżulta mill-iskrittura ta' transazzjoni ffirmata bejn il-kontendenti nhar il-15 ta' April 2019.[1]

Mill-iskrittura ta' transazzjoni eżebita jirriżulta li s-soċjetà intimata ddepożitat is-somma ta' €4,484.41 fir-Reġistru ta' din il-Qorti filwaqt li mix-xhieda ta' Jonathan Sciberras jirriżulta li din is-somma ġiet żbankata a favur tas-soċjetà rikorrenti. Flimkien magħha, kien sar pagament ieħor fl-ammont ta' €5,500 tramite cheque bankarju maħruġ fuq il-bank APS Bank plc bin-numru 411. B'hekk jirriżulta li mis-somma dovuta tħallset is-somma totali ta' €9,984.41 biex issa fadal bilanċ ta' €10,999.30, ċioè s-somma mitluba mis-soċjetà rikorrenti fil-preżenti kawża.

Jirriżulta wkoll fis-26 ta' Frar 2020, is-soċjetà rikorrenti ippreżentat Ittra Uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta kontra s-soċjetà intimata (Ittra Nru. 522/2020), liema ittra ma jirriżultax li kienet notifikata lis-soċjetà intimata.

Jirriżulta wkoll li s-soċjetà rikorrenti ssottomettiet Mandat ta' Qbid kawtelatorju sabiex taqbad *forklifter.* Hija qegħda preżentement tħallas *storage fees* mensilment fir-rigward ta' dan il-forklifter. Filfatt, Jonathan Sciberras ippreżenta sett ta' 8 fatturi[2] u sett ieħor ta' 16-il fattura[3] b'rabta ma' dawn l-*istorage fees*.

Ikkonsidrat;

Illi l-provi ppreżentati mis-soċjetà rikorrenti ma ġewx kontradetti mis-soċjetà intimata minkejja li kienet debitament notifikata. B'hekk, wara eżami tal-provi prodotti, il-Qorti hija tal-fehma li s-soċjeta rikorrenti

[1] Ara l-Isktrittura ta' Transazzjoni mmarkata bħala dok "JG" a fol 45 tal-Atti proċesswali.
[2] Ara dok "JG1" a fol. 47 et seq tal-Atti proċesswali.
[3] Ara dok "JG" a fol. 67 et seq tal-Atti proċesswali.

irnexxielha tipprova, sal-grad rikjest mil-liġi, il-pretensjonijiet tagħha fil-konfront tas-soċjetà intimata rigwardanti s-somma minnha pretiża, u b'hekk it-talba tagħha sejra tintlaqa' minn din il-Qorti.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rikors promotur is-soċjetà rikorrenti tagħmel talba wkoll għall-imposizzjoni tal-imgħaxijiet skont il-liġi.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 1139 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipola, *inter alia*, illi jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena. Illi di più, l-Artikolu 1140 tal-istess Kap jistipola li l-imgħaxijiet għandhom jitħallsu, mingħajr ma jkun jinħtieġ li l-kreditur jipprova li bata xi telf.

Illi l-Artikolu 1141(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipola li *"Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita"*

Illi sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi jekk l-imgħax għandux jiddekorri skont l-Artikolu 1141(1) jew skont l-Artikolu 1141(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jeħtieġ li l-Qorti teżamina jekk it-transazzjoni odjerna hijiex waħda ta' natura kummerċjali jew ta' natura purament ċivili.

L-Artikolu 5(e) tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola li kull operazzjoni li għandha x'taqsam ma soċjetajiet kummerċjali għandha titqies li hija att ta' kummerċ. Fil-każ preżenti, il-kontendenti huma

soċjetajiet kummerċjali u b'hekk il-Qorti sejra tapplika d-disposizzjoni tal-Artikolu 1141(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi mix-xhieda mogħtija minn Jonathan Sciberras jirriżulta li l-pagamenti akkont saru permezz tal-iżbank taċ-ċedola ta' depożitu kif ukoll bil-pagament ta' €5,500 magħmul tramite c-cheque maħruġ fuq l-APS Bank plc numru 411. Mill-Iskrittura ta' transazzjoni jirriżulta li dan ic-cheque inħareġ fis-16 ta' Mejju 2019. F'din l-iskrittura hemm ukoll misjuba d-dati ta' meta kollhom isiru l-pagamenti sussegwenti, senjatament is-16 ta' Ġunju 2019 u s-17 ta' Lulju 2019. B'hekk, din il-Qorti hi tal-fehma li l-bilanċ mitlub fil-kawża odjerna ilu dovut sa mill-aħħar data ta' meta kellu jitħallas l-ammont intier, senjtament mis-17 ta' Lulju 2019.

Ikkonsidrat;

Illi fl-avviż promotur, is-soċjetà rikorrenti talbet ukoll l-ispejjeż tal-Ittra Uffiċjali maħruġa ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru 522/2020[4] kif ukoll tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju bin-numru 345/2020.

Illi s-soċjetà rikorrenti ma ppreżentatx kopja tal-mandat kawtelatorju in atti u dan peress li sal-24 ta' Jannar 2022, ossija tlett'ijiem qabel din is-sentenza, dan il-mandat kien għadu ma setax jiġi rintraċċat fir-Reġistru tal-Qorti. Is-soċjetà rikorrenti, madanakollu, ppreżentat in atti diversi provi li jattestaw l-eżistenza ta' dan il-Mandat u li tassew ma jistax jinstab[5]. B'hekk, il-Qorti m'għandhiex dubju mill-eżistenza ta' dan il-Mandat u ser tilqa' t-talba għar-riżarċiment tal-ispejjeż tiegħu mis-soċjetà intimata.

---

[4] A fol. 2 tal-Atti Proċesswali.
[5] A fol. 61 tal-Atti proċesswali.

Illi mix-xhieda mogħtija minn Jonathan Sciberras u mill-fatturi ppreżentati jirriżulta wkoll li s-soċjetà rikorrenti, mhux talli għad għandha bilanċ pendenti a favur tagħha mis-soċjetà intimata, talli qed tinkorri wkoll spejjeż għaż-żamma tal-oġġetti maqbuda b’dan il-mandat mill-Kunsinnatarju. Illi dawn l-ispejjeż qed jiġu inkorsi fid-dawl tal-fatt li l-Artikolu 282(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta (reż applikabbli għall-mandat *de quo* permezz tal-Artikolu 846 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta) jisħaq li l-mandat ta’ qbid ta’ ħwejjeġ mobbli għandu jkun fiħ l-ordni tal-Qorti fejn għandhom jiġu trasportati l-ħwejjeġ maqbuda u elevati għall-postijiet tal-ħażna li jiġi indikat mill-kunsinnatarju u jittrasferixxi l-pussess tagħhom mid-debitur għall-kunsinnatarju. B’hekk, il-fatturi ppreżentati mis-soċjetà rikorrenti jirrappreżentaw spejjeż anċillari għall-mandat ta’ qbid kawtelatorju msemmi u għandhom jiġu riżarċiti lis-soċjetà rikorrenti mis-soċjetà intimata.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta’ u tiddeċiedi billi tilqa’ t-talba tas-socjetà rikorrenti u tikkundanna lil **Kosecp (Distribution & Business Services) Ltd** tħallasha s-somma ta’ għaxart’ elef, disa’ mija u disgħa u disgħin Ewro u tletin ċenteżmu (€10,999.30) bl-imgħax legali mid-data tas-17 ta’ Lulju 2019.

L-ispejjez kemm tal-preżenti kif ukoll tal-Ittra Uffiċjali numru 522/2020 u dawk tal-mandat ta’ Qbid Kawtelatorju numru 345/2020, inkluż l-ispejjeż inkorsi għaż-żamma ta’ dak maqbud, ċioè dawk tal-kunsinnatarju, ikunu a karigu tas-soċjetà intimata.

**Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

Kopja informali ta' Sentenza.

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**